



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Mejju 2009 (11.05)
(OR. en)**

9682/09

**ENV 363
WTO 94
CONSOM 110**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Mejju 2009
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Kontribut Għall-Iżvilupp Sostenibbli: Ir-Rwol Tal-Kummerċ Fair Trade U L-Iskemi Mhux Governattivi Ta' Assigurazzjoni Ta' Sostenibilità Relatati Mal-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2009) 215 finali.

Mehmuż: COM(2009) 215 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.5.2009
KUMM(2009) 215 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI**

**Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli: Ir-rwol tal-kummerċ Fair Trade u l-iskemi mhux
governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibilità relatati mal-kummerċ**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI

Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli: Ir-rwol tal-kummerċ Fair Trade u l-iskemi mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibilità relatati mal-kummerċ

WERREJ

1.	Id-Daħla.....	4
2.	L-iżviluppi tal-kummerċ Fair Trade mill-1999 'il hawn	5
3.	Jiġu applikati l-kriterji ta' sostenibilità.....	6
4.	Il-Konsiderazzjonijiet ta' Politika	8
4.1.	Il-Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli.....	8
4.2.	L-Iskemi Privati ta' Assigurazzjoni tas-Sostenibilità Relatati mal-Kummerċ u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ODK)	9
4.3.	Is-sejħiet għall-offerti.....	8
4.4.	L-appoġġ tal-UE	9
5.	Il-konklużjonijiet: ir-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-operaturi fir-rigward tal-kummerċ Fair Trade u l-iskemi privati ta' assigurazzjoni tas-sostenibilità relatati mal-kummerċ.....	10
ANNEX I.....		12
ANNEX II		13
ANNEX III		14
ANNEX IV		16
ANNEX V		17

1. ID-DAĦLA

Din il-Komunikazzjoni tinvestiga l-qagħda attwali tal-kummerċ Fair Trade u skemi oħra mhux governattivi (jiġifieri privati) ta' assigurazzjoni ta' sostenibilità relatati mal-kummerċ Il-Kummissjoni ilha li għarfet li l-konsumaturi jistgħu jappoġġjaw għanijiet ta' żvilupp sostenibbli permezz tad-deċiżjonijiet tagħhom ta' akkwist. Din il-Komunikazzjoni tirreaġixxi għall-interessi li qed jikbru li ġewa rtikolati, fil-livell politiku kif ukoll fil-livell li qed jikber tal-akkwisti mill-konsumaturi tal-UE. Fil-livell politiku l-Parlament Ewropew adotta rapport fl-2006 dwar il-kummerċ Fair Trade u l-Iżvilupp¹. Ir-rapport jidentifika l-ħtieġa li jitqajjem għarfien fost il-konsumaturi, u r-riskju ta' abbuż minn kumpaniji li jidħlu fis-suq tal-kummerċ Fair Trade mingħajr ma jikkonformaw mal-kriterji ta' ċertifikazzjoni. Barra dan, jagħraf li l-kummerċ Fair Trade huwa essenzjalment fenomenu volontarju tas-settur privat, u li tħaddin regolatorju goff jista' jagħmel aktar ħsara milli għid.

L-opinjoni esploratorja 2005 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tat ħarsa "skemi ta' assigurazzjoni tal-konsumatur". Is-sejbiet ewlenin kienu li tiġi identifikata l-ħtieġa għal valutazzjoni awtoritattiva ta' kwalità ta' skemi ta' assigurazzjoni tal-konsumatur u li jiġu stipulati definizzjonijiet essenzjali. F'Ġunju 2006 l-Kunsill Ewropew adotta l-istrategġija mġedda tiegħu ta' żvilupp sostenibbli u ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu prodotti sostenibbli, inkluż il-kummerċ Fair Trade².

Il-konsumaturi tal-UE kull sena jakkwistaw prodotti ċertifikati Fair Trade għal madwar EUR 1.5 biljun; li huwa 70 darba akbar mill-1999 meta l-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar dan is-suġġett. Dan is-suċċess jenfasizza l-ħtieġa għall-konsumaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħra, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex l-impatt reali tal-kummerċ Fair Trade jitkejjel.

F'din il-komunikazzjoni it-terminu "Fair Trade" qed jintuża f'konformità mal-istandards stabbiliti mill-organizzazzjonijiet internazzjonali tat-twaqqif tal-istandards u l-valutazzjoni tal-konformità, li huma membri tal-ISEAL³, u kif applikat mill-organizzazzjonijiet tal-kummerċ Fair Trade. It-terminu "skemi oħra privati ta' assigurazzjoni tas-sostenibilità" jintuża biex jiddeskrivi skemi oħra ta' tikkettar li jimmiraw li jinfurmaw konsumaturi dwar is-sostenibilità tal-produtturi tal-prodott. (Deskrizzjoni ġenerali fil-qosor ta' termini u organizzazzjonijiet hija mehmuża fl-Anness I).

Din il-Komunikazzjoni tipprovdi aġġornament fuq l-iżviluppi li saru mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kummerċ Fair Trade 1999⁴ 'il hawn u tissuġġerixxi konsiderazzjonijiet dwar ir-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi fil-qasam tal-kummerċ Fair Trade u skemi privati oħra ta' assigurazzjoni tas-sostenibilità. Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati huma rilevanti għal bosta oqsma ta' politika tal-UE, pereżempju l-protezzjoni tal-konsumatur, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-kummerċ, ir-responsabilità soċjali tal-

¹ Rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-kummerċ Fair Trade u l-Iżvilupp (2005/2245(INI)) "Ir-Rapport Schmidt".

² "Member States should promote sustainable products that stem from organic farming and fair trade as well as environmentally sound products"
<http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/06/st10/st10117.en06.pdf>, paġna 13.

³ International Social And Environment Accreditations and Labelling

⁴ COM(1999) 619 tad-29.11.1999. It-tagħrif dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 1999 jinsab mehmuż fl-Anness II.

korporazzjonijiet, l-ambjent u s-suq intern tal-UE. Meta xieraq, din il-Komunikazzjoni tista' tiġi segwita minn inizjattivi iktar immirati f'qasam ta' politika wieħed jew aktar.

Din il-Komunikazzjoni ma tkoprix l-iskemi tas-sostenibilità u tat-tikkettar stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi (bħalma hija l-marka tal-UE ta' kwalità ekoloġika).

2. L-IŻVILUPPI TAL-KUMMERĊ FAIR TRADE MILL-1999 'IL HAWN

L-iktar żviluppi prominenti mill-1999 'il hawn seħħew fis-swieq nazzjonali fejn il-prodotti ċertifikati tal-kummerċ Fair Trade kienu diġà preżenti. Bi tveġiba għas-sejħa tal-Komunikazzjoni tal-1999 għal tikketta unika u l-ħtieġa ta' verifika u kontroll indipendenti, il-"Marka ta' Ċertifikazzjoni ta' kummerċ Fair Trade" ġiet implimentata b'suċċess⁵.

Il-livell ta' għarfien tal-Konsumatur għall-marka Fair Trade fir-Renju Unit kien 'il fuq minn 70 % fl-2008 (meta mqabbel ma' 12 % fl-2000)⁶ u fi Franza 74 % fl-2005 (meta mqabbel ma' 9 % fl-2000)⁷. Il-bejgħ madwar id-dinja ta' prodotti ċertifikati Fair Trade qabeż EUR 2.3 biljun sal-aħħar tal-2007, li huwa kważi sebgħin darba iżjed mill-għaxar snin preċedenti⁸ (iżda xorta waħda inqas b'mod kwantitattiv mill-bejgħ tal-ikel organiku u għadu inqas minn 1 % tal-kummerċ totali)⁹. L-Ewropa hija d-dar tal-kummerċ Fair Trade: bejn 60 % u 70 % tal-bejgħ globali jseħħ hawnhekk, b'varjazzjonijiet kbar bejn is-suq tagħha li qed jikber bl-aktar rata mgħaġġla, l-Iżvezja, u l-Istati Membri l-ġodda fejn il-kunċett għadu relattivament qed jinbet.

Il-kummerċ Fair Trade wettaq rwol importanti biex jitfa' dawl fuq kwistjonijiet ta' responsabilità u solidarjetà, li ħalla impatt fuq operatori oħra u stimula li jitfaċċaw sistemi oħra ta' sostenibilità. Inizjattivi privati ta' sostenibilità relatati mal-kummerċ jużaw standards¹⁰ soċjali u ambjentali varji ta' verifika, li kibru fl-għadd tagħhom kif ukoll mil-lat ta' sehem mis-suq. L-iktar standard soċjali magħruf probabbli huwa SA8000, li ngħata bidu mis-Social Accountability International (Ir-Responsabilità Soċjali Internazzjonali - SAI) fl-1997¹¹. Assigurazzjonijiet li jestendu ruħhom fi kwistjonijiet usa', inklużi kemm kriterji soċjali kif ukoll ambjentali, huma pereżempju ċ-ċertifikazzjoni Utz certified u Rainforest Alliance (RA).

Inizjattivi kummerċjali ta' sostenibilità għal multi-intrapriżi, f'partijiet differenti tal-Ewropa, iwarjaw minn arranġamenti nazzjonali biex jamalgamaw ir-riżultati ta' verifiki soċjali għal inizjattivi transnazzjonali b'xi sostenn tal-gvern, bħalma hija l-Ethical Trading Initiative (l-Inizjattiva ta' Kummerċ Etiku - ETI)¹². Ix-xogħol preparatorju mwettaq minn operatori biex jilhqqu l-istandards ta' verifika ma jeħtiġlux jiġi trażmess permezz ta' ċertifikazzjoni u tikketta

⁵ Ara tagħrif ulterjuri dwar definizzjonijiet fl-Anness I.

⁶ Fairtrade Foundation, 2008.

⁷ OECD, Trade Policy Working Paper No. 47. Parti 1; Jan 10, 2007.

⁸ Fairtrade Labelling Organizations International, 2008.

⁹ Land, P. & Andersen, M, "What is the world market for certified products", Commodities and Trade Technical Paper, OECD.

¹⁰ Ara wkoll il-Portal għal Ġestjoni Responsabbli tal-Katina tal-Provvista, stabbilit bħala parti mill-Alleanza Ewropea dwar ir-Responsabilità Soċjali tal-Impriżi; www.csr-supplychain.org.

¹¹ SAI jiddikjara li "bejjiegħa bl-imnut, kumpaniji tad-ditta u entitajiet oħra li jħaddmu n-nies madwar id-dinja kollha b'bejgħ annwali ta' l fuq minn USD 175 biljun qed jużaw SA8000"; www.sa-intl.org.

¹² Inizjattivi oħra ta' min isemmi f'dan il-kuntest jinkludu Business Social Compliance Initiative (<http://www.bsci-eu.com/>), u Global Social Compliance Programme (<http://www.ciesnet.com/2-wwedo/2.2-programmes/2.2.gscp.background.asp>).

għall-konumaturi; li jintlaħqu u jiġu verifikati l-istandards jistgħu jgħoddu bħala sforzi tal-kumpanija ta' Responsabilità Soċjali tal-Impriżi (RSI)¹³ li ma tkunx dejjem indikata fuq il-prodott. Attivitàjiet ta' RSI jistgħu jissaħħu minn kumpanija li timpenja ruħha għal sett rikonoxxut ta' kriterji jew għanijiet, bħal pereżempju permezz tal-Global Compact tan-Nazzjonijiet Uniti¹⁴.

Is-swieq privati ta' tikkettar jistgħu jinqasmu bejn:

- (1) il-kummerċ Fair Trade proprju;
- (2) il-prodotti ċertifikati oħra "ta' niċċa" li ma jipparteċipawx formalment fil-kummerċ Fair Trade iżda li huma mmirati lejn konsumaturi li huma konxji mill-kwistjonijiet ta' sostenibilità (Rainforest Alliance, Utz Certified);
- (3) il--rodotti koperti minn standards ta' pedament li jaspiraw li jkunu "mifruxa mal-industrija sħiħa" (pereżempju Kodiċi ta' Kondotta għall-Komunità tal-Kafé (I-4K); Ethical Tea Partnership);
- (4) il-bqija (prodotti ta' konsum "bla isem").

Produttur wiehded jista' jbiegħ fl-erba' kategoriji kollha. Xi kultant jista' jkun problematiku għall-konsumatur biex jivvaluta s-sinifikat tal-iskemi differenti ta' sostenibilità. Huwa fuq dan l-isfond kumpless u li qiegħed jevolvi li għandhom jiġu vvalutati l-iżviluppi politiċi u istituzzjonali.

3. JIĠU APPLIKATI L-KRITERJI TA' SOSTENIBILITÀ

Skemi privati ta' sostenibilità relatati mal-kummerċ jużaw sett ta' kriterji biex jivverifikaw u/jew jiggarrantixxu s-sostenibilità tal-prodotti. Il-kriterji spiss jibnu fuq wiehded jew aktar mit-tliet pilastru tal-iżvilupp sostenibbli; dak ekonomiku, dak ambjentali u dak tal-iżvilupp soċjali, u kultant jorbtu ma' standards u ftehimiet internazzjonali. Uħud mill-iskemi jiffukaw fuq kwistjoni u għan partikolari (pereżempju l-emissjonijiet tal-karbonju (il-carbon footprint) għall-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima) filwaqt li oħrajn jorbtu fuq kriterji f'kuntest usa' tal-iżvilupp sostenibbli.

Din it-taqsima tiddeskrivi l-ewwel kategorija - il-kummerċ Fair Trade - imsemmija hawn fuq¹⁵ li kisbet livelli sinifikanti ta' għarfien tal-konsumatur f'dawk is-swieq fejn qed topera. L-għarfien imur id f'id ma' doża tajba ta' komprensioni tal-kwistjonijiet li jippromwovi l-kummerċ Fair Trade. Il-kriterji u l-istandards applikati mill-kummerċ Fair Trade huma fost l-aktar kompetittivi u ambizzjużi mil-lat ta' konċentrazzjoni fuq sett wiesa' ta' kwistjonijiet u kundizzjonijiet li jħallu impatt fuq il-produtturi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż b'mod partikolari prezz minimu għall-produttur u premium imħallas lill-komunità tal-produttur.

¹³ Il-Komunikazzjoni (2006) 136 tat-22 ta' Marzu 2006 "Nagħmlu l-Ewropa pilastru ta' eċċellenza dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-impriżi".

¹⁴ www.unglobalcompact.org.

¹⁵ Mehmuża fl-Anness III hemm preżentazzjoni tal-iskemi privati addizzjonali ta' sostenibilità; imsemmija f'din it-taqsima.

Il-kriterji tal-kummerċ Fair Trade

Il-kriterji, kif definiti mill-moviment tal-Fair Trade u evokati fir-rapport tal-Parlament Ewropew 2006 huma;

- **prezz ġust għall-produttur**, li jagħti garanzija ta' paga ġusta, li jkopri l-ispejjeż ta' produzzjoni u għajxien sostenibbli. Dan il-prezz jeħtieġ ikun mill-inqas għoli daqs il-prezz minimu flimkien mal-premium tal-kummerċ Fair Trade meta dawn huma definiti mill-assoċjazzjonijiet internazzjonali tal-Fair Trade;
- **parti mill-ħlasijiet għandha ssir bil-quddiem** jekk il-produttur jitlob li dan isir;
- **relazzjonijiet li jfifxu fit-tul u stabbli** mal-produtturi u involviment tal-produtturi fit-twaqqif tal-istandards tal-kummerċ Fair Trade;
- **trasparenza u traċċabilità** tul il-katina kollha tal-forniment bħala garanzija tal-informazzjoni xierqa tal-konsumatur;
- kundizzjonijiet ta' produzzjoni li **jirrispettaw** it-tmien **Konvenzjonijiet Ewlenin** tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);
- rispett għall-ambjent, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u partikolarment id-drittijiet tan-nisa u t-tfal u **rispett għall-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali** li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali;
- **bini tal-kapaċità u tiswir tas-setgħa** għall-produtturi, partikolarment produtturi u ħaddiema fuq skala żgħira u marġinalizzati fpajjiżi li qed jiżviluppaw, l-organizzazzjonijiet tagħhom kif ukoll il-komunitajiet rispettivi, biex tiġi żgurata s-sostenibilità tal-kummerċ Fair Trade;
- sostenn għal produzzjoni u **aċċess għas-suq** għall-organizzazzjonijiet tal-produttur;
- **attivitajiet li jqajmu l-għarfien tal-opinjoni pubblika** dwar il-produzzjoni u r-relazzjonijiet kummerċjali tal-Fair Trade, il-missjoni u l-għanijiet tal-kummerċ Fair Trade u dwar l-inġustizzja prevalenti tar-regoli internazzjonali tal-kummerċ;
- **monitoraġġ u verifika** ta' konformità ma' dawn il-kriterji, li fihom iridu jieħdu rwol akbar l-organizzazzjonijiet tan-Nofsinhar, li jwasslu għal spejjeż imnaqqs u parteċipazzjoni lokali miżjuda fil-proċess ta' ċertifikazzjoni;
- **stimuli tal-impatt** regolari tal-attivitajiet tal-kummerċ Fair Trade.

4. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' POLITIKA

4.1. Il-Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli

Wieħed mill-fatturi partikolari tal-kummerċ Fair Trade u skemi privati oħra ta' assigurazzjoni huwa li essenzjalment huwa mekkaniżmu volontarju u dinamiku li jiżviluppa flimkien mal-għarfien u t-talbiet tas-soċjetà u tal-konsumatur. Hekk kif il-komprensjoni tal-isfidi tas-sostenibilità tiżviluppa, l-iskemi tal-assigurazzjoni privata tas-sostenibilità relatata mal-kummerċ għandhom it-tendenza li jsegwu. F'uħud mill-każijiet, huma jkunu fuq quddiem nett tal-kwistjonijiet; iqajmu l-għarfien u jagħtu spinta lill-interess u l-komprensjoni tal-konsumatur ta' sfidi ġodda u emerġenti tal-iżvilupp sostenibbli. Is-swieq u l-iskemi ta' niċċa jistgħu jinfluwenzaw in-negozju ġenerali u t-tfassil tal-politika tal-gvern.

Il-Kummissjoni tqis li hija ma għandhiex tiegħu rwol fil-klassifikazzjoni jew ir-regolamentazzjoni tal-kriterji relatati mal-iskemi privati ta' assigurazzjoni ta' sostenibilità relatati mal-kummerċ, u r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli. Il-kriterji u l-istandards ta' regolamentazzjoni jillimitaw element dinamiku tal-inizjattivi privati f'dan il-qasam u jistgħu jxekklu żvilupp ulterjuri tal-kummerċ Fair Trade u skemi privati oħra u l-istandards tagħhom.

L-iżvilupp sostenibbli jista' jgawdi minn skemi li jagħtu prijorità l-elementi ambjentali, soċjali jew ekonomiċi. Huwa importanti għal tħaddim tajjeb tas-suq li l-konsumaturi u l-produtturi jkollhom aċċess għal tagħrif attendibbli dwar l-iskemi. Hawnhekk, huwa possibbli li jiġu indikati xi elementi li huma rilevanti għal valutazzjoni tal-prassi t-tajba li l-operaturi għandhom iwettqu skont il-Kummissjoni:

L-istandards u l-kriterji għandhom ikunu oġġettivi u diskriminatorji biex jevitaw kwalunke impatt (mhux intenzjonat) negattiv fuq, partikolarment, il-produtturi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kummissjoni tilqa' bi pjaċir l-siforzi li għaddejjin biex tinkiseb ċarezza tad-definizzjoni, bħalma hija l-pubblikazzjoni tal-Karta tal-Kummerċ Fair Trade. Biex jippermettu li l-konsumaturi jagħmlu l-għażliet tagħhom b'mod infurmat tajjeb, l-istandards u l-kriterji għandhom jiġu applikati b'mod trasparenti. Parti mit-tagħrif li jistgħu jirrikjedu l-konsumaturi u l-produtturi biex jippreservaw il-fiduċja fis-suq hija l-proporzjon tal-prezz supplementari li jingħadda lill-produtturi¹⁶.

Idealment, għandu jkun hemm monitoraġġ li jiggwarantixxi li l-prodotti huma r-riżultat tal-prassi mwettqa skont sett speċifiku ta' kriterji li jibbilanċjaw konsiderazzjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u konsiderazzjonijiet soċjali. In-natura u r-riżultati tal-proċess ta' verifika għandu jkun disponibbli għal spezzjoni¹⁷. Għalhekk il-Kummissjoni thegġegħ lil partijiet rilevanti biex itejbu l-metodoloġija tagħhom ta' valutazzjoni biex jippermettu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati.

Jinħtieġu ċarezza u komprensjoni ulterjuri tal-impatt reali tal-iskemi privati ta' sostenibilità fuq produtturi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll fuq l-ambjent tagħhom f'sens usa'. Il-konsumaturi għandhom idealment jiġu offruti element ta' stima tal-impatt oġġettiva tal-

¹⁶ Ir-Renju Unit Ir-rapport tal-House of Commons "Fair Trade and Development, Ġunju 2007, jissuġġerixxi tikketta li tindika l-perċentwali tal-prezz li tasal għand il-produttur.

¹⁷ Mehmuża fl-Anness IV hemm lista ta' kwistjonijiet relatati mal-iskemi ta' assigurazzjoni tal-konsumatur identifikati mill-KESE.

iskemi. F'dan il-qasam l-Kummissjoni tistenna titjib, fid-dawl tal-ħidma li diġà qed titwettaq u tinsab ħerqana għall-progress li jista' jsawwar il-bażi ta' konsiderazzjonijiet politiċi ulterjuri¹⁸.

L-Anness IV għandu lista ta' kwistjonijiet ta' proċess relatati mal-iskemi ta' assigurazzjoni tal-konsumatur identifikati mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Il-Kummissjoni thegġegħ ħidma ulterjuri diretta lejn komprensioni komuni ta' liema huma r-rekwiżiti bażiċi tal-proċess li l-iskemi mistennija jilħqu b'mod raġjonevoli, filwaqt li jkompli jiġi evitat li jiġi segwit il-mertu tad-definizzjoni ta' standards xierqa ta' sostenibilità għal skemi privati.

Il-prinċipji biex jiġi sfruttat l-impatt ta' skemi privati ta' assigurazzjoni tas-sostenibilità relatati mal-kummerċ;

- Il-preservazzjoni tan-natura mhux governattiva ta' skemi privati madwar l-UE kollha.
- L-esplorazzjoni tal-ambitu għal sinerġiji possibbli bejn l-iskemi u t-tisħiħ taċ-ċarezza għall-konsumatur u l-produttur.
- Il-kisba ta' komprensioni komuni ta' rekwiżiti raġjonevoli bażiċi ta' proċess.
- It-twaqqif ta' fatti oġġettivi dwar l-impatti relattivi ta' skemi privati differenti ta' assigurazzjoni tas-sostenibilità relatati mal-kummerċ.

4.2. L-Iskemi Privati ta' Assigurazzjoni tas-Sostenibilità Relatati mal-Kummerċ u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ODK)

Il-liberalizzazzjoni tista' toffri opportunitajiet ta' tkabbir ekonomiku u żvilupp sostenibbli. L-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal ġo ekonomija globali, speċjalment dawk l-inqas żviluppati, huma għanijiet ewlenin tal-ODK u tal-politika kummerċjali tal-UE.

Il-liberalizzazzjoni multilaterali tal-kummerċ permezz tas-sistema tal-ODK hija l-aktar mod effettiv għall-espansjoni u l-ġestjoni tal-kummerċ dinji, u tista' tgħin biex toħloq opportunitajiet għal tkabbir ekonomiku u żvilupp sostenibbli. Minkejja dan, il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ mhijiex biżżejjed; l-impatt tal-politiki tal-kummerċ fuq it-tkabbir, l-iżvilupp u s-sostenibilità huwa parzjalment imdawwar minn regolamentazzjoni u politiki f'firxa wiesgħa ta' oqsma oħra li jħallu impatt fuq it-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli.

Inizjattivi privati li joperaw essenzjalment permezz ta' parteċipazzjoni volontarja huma konsistenti ma' sistema kummerċjali multilaterali mhux diskriminatorja. Kwalunkwe intervent tal-gvern jew mekkaniżmu regolatorju relatat ma' skemi ta' tikkettar bħal dawn, filwaqt li mhuwiex minnu nnifsu problematiku, jeħtieġ li jieħu inkunsiderazzjoni l-obbligi tal-ODK, b'mod partikolari biex jiżgura t-tħaddim trasparenti u mhux diskriminatorju tiegħu.

¹⁸ L-Alleanza ISEAL qed twettaq proġett ta' kitba biex tivvaluta l-prassi t-tajba biex jitkejjel l-impatt tal-istandards u ċ-ċertifikazzjoni.

Il-prinċipju fir-rigward tal-ODK;

- Jiġi żgurat it-tħaddim trasparenti u mhux diskriminatorju tal-iskemi ta' tikkettar.

4.3. Is-sejħiet għall-offerti

Qasam li fih qed iseħħu żviluppi importanti huwa s-sejħiet għall-offerti. L-awtoritajiet pubbliċi jonfqgħu l-ekwivalenti ta' 16 % tal-PGD tal-UE u għalhekk jikkostitwixxu suq strateġiku importanti.

Biex tirreaġixxi aħjar għall-ħtieġa tal-awtoritajiet kontraenti għall-gwida għal implimentazzjoni ta' sejħiet sostenibbli għall-offerti, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat Komunikazzjoni dwar akkwist pubbliku għal ambjent aħjar¹⁹ (li tikkomplementa l-Gwida għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku) u bħalissa qed taħdem fuq il-publikazzjoni ta' gwida parallela dwar sejħiet għall-offerti soċjali. Flimkien, dawn il-gwidi jikkostitwixxu gwida kompensiva għal sejħiet għall-offerti sostenibbli.

Bosta awtoritajiet qed jagħmlu sejħiet għall-offeri li jinkludu għanijiet sostenibbli jew "fair trade" fil-politiki tagħhom ta' sejħiet għall-offerti. Uħud mill-Istati Membri mxew lil hinn minn dan u jirrikjedu "Tikketta tal-Fair Trade jew ekwivalenti". Skont ir-regoli Ewropej tas-sejħiet għall-offerti, l-awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jakkwistaw prodotti tal-kummerċ Fair Trade, ma jistgħux jirrikjedu tikketti speċifiċi għaliex dan jillimita l-aċċess għall-kuntratt ta' prodotti li mhumiex ċertifikati b'dan il-mod iżda li xorta jilhqgħu standards simili ta' sostenibilità tal-kummerċ.

Jekk awtorità kontraenti jkollha l-għan li takkwista prodotti Fair Trade, hija tista' tiddefinixxi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodotti l-kriterji rilevanti ta' sostenibilità, li jridu jkunu marbuta mat-tema tal-kuntratt u jikkonformaw ma' regoli rilevanti oħra tas-sjeħa għall-offerti tal-UE, inklużi l-prinċipji bażiċi ta' trattament ugwali u ta' trasparenza. Dawn il-kriterji jridu jirrelataw mal-karatteristiċi jew il-prestazzjoni tal-prodotti (pereżempju ħġieġ magħmul minn materjal riċiklat) jew il-proċess ta' produzzjoni tal-prodotti (pereżempju mkabbra b'mod organiku).

L-awtoritajiet kontraenti li biħsiebhom jakkwistaw prodotti ta' assigurazzjoni ta' sostenibilità ma għandhomx sempliċment jieħdu l-kunċett ta' tikketta partikolari u jinkludha fl-ispeċifikazzjonijiet tal-akkwist tagħhom. Minflok għandhom jaraw is-subkriterji prinċipali, pereżempju, it-tikketta Fair Trade u jużaw dawk biss li huma rilevanti għat-tema tal-akkwist tagħhom. L-awtoritajiet kontraenti jridu dejjem jippermettu li l-parteciċipanti jagħtu prova ta' konformità ma' dawn l-istandards billi jużaw tikketti Fair Trade jew b'mezz ieħor ta' prova.

Il-kriterji ambjentali u soċjali jistgħu wkoll jiġu inkorporati fil-klawżoli ta' eżekuzzjoni, bil-kundizzjoni li dawn il-kriterji huma marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt rilevanti (pereżempju salarju minimu għall-ħaddiema involuti fil-prestazzjoni tal-kuntratt) u jikkonformaw *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti l-oħra msemmija hawn fuq fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

¹⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar akkwist pubbliku għal ambjent aħjar: COM (2008) 400 tat-16 ta' Lulju 2008.

Il-prinċipji biex jgħinu li jntlahaq il-kontribut potenzjali għal żvilupp sostenibbli minn deċiżjonijiet pubbliċi ta' akkwist:

- Jiġi żgurat li l-linjigwida xierqa huma disponibbli dwar kif għandha tiġi implimentata s-sejħa għall-offerti sostenibbli

4.4. L-appoġġ tal-UE

Il-Kummissjoni tat appoġġ finanzjarju għall-kummerċ Fair Trade u attivitajiet kummerċjali sostenibbli oħra relatati essenzjalment permezz tal-istrumenti tagħha tal-iżvilupp (il-kapitolu tal-baġit 19), permezz ta' azzjonijiet tal-kofinanzjament mal-NGO's. Bejn l-2007 u l-2008, EUR 19.466 miljun ġew allokat għal bosta azzjonijiet implimentati u kofinanzjati tal-NGO. Il-maġġoranza ta' dawn l-azzjonijiet kienu fil-qasam tal-ġarfin tal-opinjoni pubblika fi ħdan l-UE.

Azzjonijiet finanzjati fi ħdan il-qafas tad-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż u Programmi Indikattivi multiannwali, li jkopru setturi agrikoli u rurali, jinkludu attivitajiet li jikkontribwixxu għall-iffaċilitar tal-kummerċ Fair Trade. Il-Qafas Speċjali ta' Assistenza għal Fornituri Tradizzjonali tal-AKP tal-Banana u l-Miżuri Komplementari għall-Protokoll taz-Zokkor taw kontribut ukoll biex jgħinu l-bdiewa jbiegħu fin-niċċa tal-kummerċ Fair Trade. Fuq in-naħa l-oħra tal-katina, proġetti li jappoġġjaw il-kummerċ u l-iżvilupp tas-settur privat jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-iffaċilitar tal-attivitajiet kummerċjali, inkluż il-kummerċ Fair Trade.

Għas-snin tal-baġit 2008 u 2009, krediti addizzjonali ta' EUR 1 miljun kull sena ġew inklużi speċifikament għal azzjonijiet relatati mal-kummerċ Fair Trade fil-krediti għall-baġit tal-kummerċ (il-kapitolu 20). Dawn il-krediti se jintużaw biex jikkompletaw il-finanzjament li jaqa' taħt l-istrumenti tal-iżvilupp²⁰.

Il-KE tat appoġġ lil "proġetti relatati mal-kummerċ Fair Trade" fil-biċċa l-kbira skont id-domanda, b'reazzjoni għal talbiet ta' għotja mill-NGOs għal kofinanzjament ta' azzjonijiet f'dan il-qasam, fil-biċċa l-kbira relatati ma' li jitqajjem l-ġarfin tal-opinjoni pubblika fi ħdan l-UE. Il-Kummissjoni tal-UE qed tikkunsidra li tagħti aktar attenzjoni għall-appoġġ tal-istimi tal-impatt, l-isforzi ta' trasparenza tas-suq u l-valutazzjoni ta' diffikultajiet fl-iskemi ta' implimentazzjoni u l-kisba ta' ċertifikazzjoni. Dan jista' jiġi appoġġat b'mod ulterjuri minn azzjoni simili mill-Istati Membri tal-UE biex jifinanzjaw studji fuq l-impatt tal-kummerċ Fair Trade.

Proġett tal-Kummissjoni żviluppat b'mod ulterjuri minn UNCTAD huwa li jiġi żviluppat portal fuq skemi ta' pretensjonijiet ta' sostenibilità. Il-proġett jimmira li jipprovdi tagħrif komparabbli fuq il-kontenut u l-proċessi tal-firxa tal-iskemi eżistenti, għall-benefiċċju kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-produtturi. L-intenzjoni hija li tiżdied it-trasparenza dwar kif skemi differenti jitrattaw il-bosta kriterji rilevanti u biex jippermettu l-iskambji tal-partijiet interessati dwar dan.

²⁰ Mehmuża fl-Anness V hemm eżempji tal-finanzjament attwali.

Il-prinċipji biex jgħinu lill-UE tuża appoġġ dirett għall-iskemi bl-aħjar mod;

- L-identifikazzjoni tal-oqsma mmirati li jaqgħu taħt il-baġit attwali bħalma huma studji li jiċċaraw l-impatti li jħallu skemi differenti, l-appoġġ ta' sforzi ta' trasparenza tas-suq u analiżi tal-benefiċċju tal-ispiża tal-appoġġ mogħti.

5. IL-KONKLUŻJONIJIET: IR-RWOL TAL-AWTORITAJIET PUBBLIĊI U TAL-OPERATORI FIR-RIGWARD TAL-KUMMERĊ FAIR TRADE U L-ISKEMI PRIVATI TA' ASSIGURAZZJONI TAS-SOSTENIBILITÀ RELATATI MAL-KUMMERĊ

Fid-dawl tal-kontribut potenzjali tal-kummerċ Fair Trade u skemi privati oħra ta' assigurazzjoni relatati mal-kummerċ, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tibqa' involuta f'dawn l-iskemi u biħsiebha tappoġġjahom b'mod ulterjuri. Meta xieraq, din il-Komunikazzjoni tista' tiġi segwita minn inizjattivi addizzjonali immirati f'qasam ta' politika wieħed jew aktar. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni:

- **Ittenni** l-importanza tal-preservazzjoni tan-natura mhux governattiva tal-kummerċ Fair Trade u skemi simili oħra ta' sostenibilità madwar l-UE kollha. Ir-regolamentazzjoni pubblika tista' tinterferixxi fil-ħidma tal-iskemi privati dinamiċi.
- **Tosserva** li l-kummerċ Fair Trade għandu preżenza sinifikanti fil-biċċa l-kbira tas-suq tal-UE u livell għoli ta' għarfien tal-konsumatur marbut mal-iżvilupp u t-trasparenza tal-istandards u l-prinċipji li jsostnu s-sistema.
- **Tosserva** li bosta tipi differenti ta' skemi privati jistgħu jikkontribwixxu għal għanijiet ta' sostenibilità, iżda l-varjetà kbira tista' ġġib magħha riskji ta' konfużjoni għall-konsumatur. Il-Kummissjoni tara l-ambitu għal riflessjoni ulterjuri dwar il-prinċipji għall-isfruttar tal-impatt tal-iskemi privati ta' assigurazzjoni tas-sostenibilità relatati mal-kummerċ, filwaqt li tevita li tidħol fid-definizzjoni ta' liema huma l-sitandards xierqa ta' sostenibilità li għandhom jiġu segwiti minn dawn l-iskemi privati. Madankollu, dan huwa bla ħsara għall-konformità mal-istandards u l-leġiżlazzjoni rilevanti relatati mas-sostenibilità stipulati mill-awtoritajiet pubbliċi.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni:

- **Tevoka** li t-trasparenza u l-adekwatezza tat-tagħrif lill-konsumaturi dwar standards ta' skemi privati ta' sostenibilità huma l-elementi ta' qofol, u li jista' jinkiseb benefiċċju jekk naslu għal komprensjoni komuni ta' liema rekwiżiti bażiċi tal-proċess, bħalma huwa l-monitoraġġ indipendenti, huma raġjonevoli li jkunu mistennija.
- **Tevoka** li stima ulterjuri tal-impatt tal-iskemi privati ta' sostenibilità tista' tkun pass strateġiku 'l quddiem.
- **Għandha l-ħsieb** li tinvestiga l-ambitu għal djalogu, kooperazzjoni u fejn xieraq konverġenza ulterjuri bejn l-iskemi differenti ta' tikkettar biex tippromwovi sinerġiji u ssaħħaħ iċ-ċarezza għall-konsumatur.

Fil-kuntest tas-sejthiet għall-offerti, il-Kummissjoni:

- **Tenfasizza** l-interess li tiggwida lill-awtoritajiet pubbliċi tal-akkwist biex jgħinu jilħqu l-kontribut potenzjali sħiħ tal-iżvilupp sostenibbli permezz tad-deċiżjonijiet tagħhom.
- **Tenfasizza** li awtorità kontraenti li għandha l-*ħsieb* li takkwista prodotti ta' assigurazzjoni tas-sostenibilità għandha tuża biss il-kriterji marbuta mat-tema tal-akkwist tagħhom u tikkonforma mar-regoli rilevanti l-oħra tas-sejthiet għall-offerti tal-UE. L-awtoritajiet kontraenti jridu dejjem jippermettu li l-parteciċipanti jagħtu prova ta' konformità ma' dawn l-istandards billi jużaw tikketti Fair Trade jew b'mezz ieħor ta' prova.

Fil-kuntest tal-finanzjament, il-Kummissjoni:

- **Għandha l-*ħsieb*** li tissokta l-finanzjament għall-kummerċ Fair Trade rilevanti u attivitajiet oħra relatati mas-sostenibilità tal-kummerċ skont il-prassi tagħha sal-lum. Dan ma jeskludix il-possibilità ta' finanzjament ukoll ta' azzjonijiet immirati iżjed biex jiġu segwiti l-prijoritajiet identifikati.
- **Ittenni** l-*ħtieġa* li tivvaluta r-riżultati ta' analiżi tal-impatt ta' skema privata ta' assigurazzjoni fuq il-parametri tal-iżvilupp sostenibbli, inklużi l-implikazzjonijiet għall-kriterji ekonomiċi, soċjali u ta' żvilupp fil-pajjiżi ta' produzzjoni. Fid-dawl tal-konċentrazzjoni tal-iskema privata ta' assigurazzjoni tas-sostenibilità fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-*għajxien* għall-produtturi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-Kummissjoni tikkunsidra li trid tingħata attenzjoni partikolari lil dan l-aspett. L-analiżi għandha tqabbel l-impatt ta' skemi privati differenti biex tipprovdi bażi għal inizzjattivi ulterjuri possibbli f'dan il-qasam.

ANNES I

DEFINIZZJONI TAL-KUMMERĊ FREE TRADE

L-istandards tal-kummerċ Fair Trade huma r-riżultat ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati u l-esperti u huma stabbiliti skont ir-rekwiżiti ta' *International Social and Environment Accreditations and Labelling Alliance* (ISEAL). L-alleanza hija kollaborazzjoni formali ta' organizzazzjonijiet prinċipali internazzjonali ta' twaqqif tal-istandards u ta' valutazzjoni tal-konformità ffukati fuq kwistjonijiet soċjali u ambjentali.

Hemm żewġ organizzazzjonijiet li jistabbilixxu l-istandards li jiċċertifikaw Organizzazzjonijiet tal-kummerċ Fair Trade madwar id-dinja kollha, skont il-prinċipji tal-ISEAL; Il-Fairtrade Labelling Organizations (FLO) u l-World Fair Trade Organization (WFTO) (li qabel kienet l-International Fair Trade Association, IFAT). Il-WFTO hija membru assoċjat tal-ISEAL. Dawn iż-żewġ organizzazzjonijiet li jistabbilixxu l-istandards ipproduċew "*Karta tal-prinċipji tal-Kummerċ Fair Trade*".

Skont il-"*Karta tal-prinċipji tal-Kummerċ Fair Trade*" (Jannar 2009) il-kummerċ Fair Trade huwa definit bħala (abbażi tad-definizzjoni FINE fl-2001):

"Il-kummerċ Fair Trade huwa kollaborazzjoni kummerċjali bi sħab, ibbażata fuq djalogo u rispett, li jfittex ekwità akbar fil-kummerċ internazzjonali. *Huwa jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli billi joffri kundizzjonijiet kummerċjali aħjar lil, u jiżgura d-drittijiet ta', produttori u ħaddiema emarġinalizzati, speċjalment fin-Nofsinar.* L-Organizzazzjonijiet Fair Trade, sostnuti mill-konsumaturi, huma involuti b'mod attiv fl-appoġġ tal-produtturi, iqajmu għarfien tal-opinjoni pubblika u jippromwovu bidliet fir-regoli u l-prassi tal-kummerċ internazzjonali konvenzjonali".

F'din il-Komunikazzjoni tintuża din id-definizzjoni ta' hawn fuq. .

Il-Fairtrade Labelling Organizations (FLO) hija assoċjazzjoni multilaterali li tinvolvi 23 organizzazzjoni membru, kummerċjanti u esperti estern. L-organizzazzjoni tiżviluppa u tanalizza standards tal-kummerċ Fair Trade u tagħti appoġġ lil produttori li jkunu Ċertifikati bħala Fair Trade billi tgħinhom biex jakkwistaw u jikkonservaw ċertifikazzjonijiet tal-Fair Trade u jikkapitalizzaw minn opportunitajiet tas-suq. Pereżempju l-Fairtrade Labelling Organisation (FLO) tistabbilixxi l-istandards, u kumpanija internazzjonali separata ta' ċertifikazzjoni - FLO-CERT - tagħmel spezzjonijiet regolari u tiċċertifika produttori billi tqabbilhom ma' dawn l-istandards, u tivverifika l-fluss tal-prodotti bejn produttori u importaturi.

Barra minn hekk, il-World Fair Trade Organization (WFTO) żviluppat sistema indipendenti ta' ċertifikazzjoni ta' parti terza: is-sistema ta' ġestjoni sostenibbli tal-Fair Trade.

Mhux faċli ssir distinsjoni bejn bejn operat mogħti bidu mill-NGOs li huwa dirett lejn għanijiet, jiġifieri l-għan primarju jkun li jsir kontribut għall-iżvilupp sostenibbli, u inizjattivi konvenzjonali li primarjament huma orjentati lejn in-negozju iżda li jfittxu li jikkontribwixxu għal għanijiet ta' sostenibilità. Pereżempju supermarkets jipproponu l-marki tagħhom ta' kummerċ Fair Trade flimkien ma' prodotti oħra li huma ċertifikati Fair Trade.

ANNEX II

IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-1999 DWAR IL-KUMMERĊ FAIR TRADE

Il-kwistjonijiet identifikati fil-Komunikazzjoni tal-1999 ġew indirizzati f'mument differenti. Fil-livell Ewropew, ir-rapport tal-2006 tal-Parlament Ewropew (ir-"Rapport Schmidt") u l-opinjoni esploratorja 2005 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) (relatur Richard Adams) ippreżenta kunsiderazzjonijiet relatati mal-kummerċ Fair Trade u skemi privati simili ta' sostenibilità. F'Ġunju 2006 l-Kunsill Ewropew adotta l-istrateġija mġedda tiegħu ta' żvilupp sostenibbli u inkluda l-kummer Fair Trade fis-sejħa lill-Istati Membri biex jippromwovu prodotti sostenibbli²¹.

Kwistjonijiet ta' rilevanza għat-tikkettar tas-sostenibilità ssemew ukoll f'bosta dokumenti ta' politika tal-KE; il-Komunikazzjoni dwar il-Kummerċ tal-Prodotti Agrikoli, il-faqar u d-dipendenza; il-Politika tal-UE għall-Afrika; il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Qoton; l-Għajnuna għall-Istrateġija tal-Kummerċ adottata mill-Kunsill f'Ottubru 2007) u l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli (Ottubru 2008)²². Minkejja dan, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1999 dwar "*fair trade*" tibqa' l-iktar dikjarazzjoni komprensiva tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dak li dak iż-żmien kien imsejjaħ "fair trade".

Il-Komunikazzjoni indikat tliet kwistjonijiet ewlenin; (i) l-iżvilupp tal-kummerċ Fair Trade u "kummerċ etiku" jeħtieġ li jiġi ttrattat f'mod koerenti; (ii) Il-kummerċ tal-Fair Trade għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli permezz ta' parteċipazzjoni volontarja u l-involviment tal-KE għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-obbligi tal-ODK; u (iii) l-iskemi jridu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-produtturi minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u jippermettu l-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati.

21 <http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/06/st10/st10117.en06.pdf>, p. 13.

22 Il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli ta' Ottubru 2008 tindirizza l-kwistjoni tal-kummerċ Fair Trade fil-kontest tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-ikel. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (imminenti) dwar l-istess suġġett hija ppjanata. Dokument dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli: l-istandards tal-prodotti, ir-rekwiżiti tal-biedja u l-iskemi dwar il-kwalità schemes COM (2008) 641 finali tal-15 ta' Ottubru 2008.

ANNEX III

IL-KRITERJI RELATATI MAL-PRASSI AGRIKOLA U KUMMERĊJALI TAJBA KIF UKOLL KRITERJI SOĊJALI U AMBJENTALI

Din il-parti tirreferi għat-taqsimha tlieta fil-Komunikazzjoni u tagħti eżempji għal prodotti ċertifikati li jimmiraw li jitqajjem għarfien tal-konsumaturi dwar kwistjonijiet ta' sostenibilità.

Hija ħaġa komuni għall-iskemi taċ-ċertifikazzjoni li jinkludu kriterji relatati mal-prassi agrikola u kummerċjali tajba kif ukoll kriterji soċjali u ambjentali. Il-Kodiċi ta' Kondotta Utz Certified (li bħalissa tapplika għall-kafé u mistennija li tiġi estiża għal kawkaw, it-te u ż-żejt tal-palm) tinkludi elementi bħalma huma standards għad-dokumentazzjoni, użu minimizzat u dokumentat ta' agrokimiċi għal protezzjoni tal-uċuħ tar-raba', protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u aċċess għall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni għall-impjegati u l-familji tagħhom. Fil-qasam soċjali, il-protezzjoni tal-ħaddiema hija bbażata kemm fuq liġijiet nazzjonali kif ukoll fuq konvenzjonijiet tal-ILO iżda hija tirrelata wkoll mal-housing, ilma tax-xorb nadif u taħriġ għall-ħaddiema. Il-kriterji ambjentali jirrelataw mal-prevenzjoni tal-erożjoni tal-ħamrija, l-użu tal-ilma, l-użu tal-enerġija u s-sorsi tal-enerġija sostenibbli kif ukoll għad-diforestazzjoni.

Skemi privati oħra għandhom konċentrazzjoni aktar ambjentali: huwa evidenti mill-isem li l-organizzazzjoni Rainforest Alliance hija waħda minnhom, għalkemm fil-prattika l-iskema taċ-ċertifikazzjoni RA tlaqqa' kemm interessi ambjentali kif ukoll soċjali:

- Sistema ta' Ġestjoni Soċjali u Ambjentali
- Konservazzjoni tal-Ekosistema
- Protezzjoni tal-Fawna Selvaġġi
- Konservazzjoni tal-Ilma
- Trattament Ġust u Kundizzjonijiet Tajba ta' Xogħol għall-Ħaddiema
- Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
- Relazzjonijiet tal-Komunità
- Ġestjoni Integrata tal-Uċuħ tar-Raba'
- Ġestjoni u Konservazzjoni tal-Ħamrija
- Ġestjoni Integrata tal-Iskart

It-tielet tip elenkat fir-rapport, it-taqsimha 3, huwa standards li twaqqfu bil-ħsieb li għandhom japplikaw "mal-industrija kollha" aktar milli biex jaqdu suq ta' niċċa ta' konsumaturi selettivi. Eżempju wieħed ta' din it-tip ta' inizjattiva huwa l-Assoċjazzjoni tal-Kodiċi Komuni għall-Komunità tal-Kafé (l-4K), li ħadmet matul dawn l-aħħar ħames snin u fuqhom biex twaqqaf il-pedament ta' żvilup sostenibbli fi ħdan il-qasam ġenerali tal-kafé. L-istandards tal-Assoċjazzjoni tal-4 K jiżviluppaw l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti u jeskludu l-aġġar forom ta' prassi soċjali, ambjentali u ekonomika fil-produzzjoni, l-ipproċessar ta' wara l-ħsad u l-kummerċ tal-kafé aħdar. Id-definizzjonijiet huma primarjament

ibbażati fuq id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU kif ukoll konvenzjonijiet u standards eżistenti tan-NU u, fil-biċċa l-kbira, leġislazzjoni nazzjonali. Ladarba l-aġar għaxar forum ta' prassi jiġu eliminati l-parteciċipanti jridu kontinwament itejbu l-parametri l-oħra stipulati fil-Kodiċi.

ANNESS IV

Il-firxa ta' kwistjonijiet ta' proċess relatati mal-iskemi ta' assigurazzjoni tal-konsumatur identifikati mill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

a) L-Amministrazzjoni tal-Iskema

Fejn jinsab il-kontroll deċisiv tal-iskema?

b) L-Għanijiet tal-Iskema

L-għanijiet huma definiti b'mod ċar?

c) L-ambitu tal-iskema

L-iskema tinidirizza l-"problema" bħlma definita normalment?

d) It-termini jew l-istandards tal-iskema

L-istandards stabbiliti u sorveljati mill-iskema jesprimu l-għanijiet?

e) L-istima tal-impatt

Hemm stima kredibbli tal-impatt tal-iskema fuq l-għanijiet?

f) L-analiżi indipendenti

Hemm analiżi indipendenti tal-opert tal-iskema?

g) L-analiżi tal-benefiċċju tal-ispiża

Jeżisti xi proċess li jissorvelja jew jivvaluta l-ispejjeż li jeħlu l-fornituri, il-kummerċjanti u l-konsumaturi meta mqabbla mal-progress li sar biex jinkisbu l-għanijiet?

h) Il-pretenzjonijiet pubbliċi

Il-pretenzjonijiet pubbliċi minn kumpaniji jew fornituri ċertifikati jaqblu mal-għanijiet, l-istandards u r-riżultati tal-iskema?

ANNESS V

PROGRAMMI TEMATIĊI "IL-KOFINANZJAMENT MA' NGOs EWROPEJ" U "OPERATURI MHUX STATALI U AWTORITAJIET LOKALI FL-IŻVILUPP"

Proġetti 2007 u 2008 inkluż il-promozzjoni tal-kummerċ Fair Trade f'ist l-għanijiet u/ jew l-attivitajiet tiegħu

Is-sena tal-Kuntratt	It-Titlu	Il-parti kontraenti	In-nazzjonalità	Il-baġit	Il-kodiċi DAC
2008	ESTRATEGIA PARA EL FORTALECIMIENTO DE INICIATIVAS COMUNITARIAS PRODUCTIVAS ACORDES CON EL DESARROLLO SUSTENTABLE	FUNDACION TIERRA VIVA	Il-Venezwela	49968	15150
2008	COMPETITIVIDAD PRODUCTIVA Y COMERCIAL DE LA RED DEPARTAMENTAL DE PEQUEÑOS PRODUCTORES DE HABA CONVENCIONAL Y ORGÁNICA (ASOHABA) EN EL MERCADO COMUNITARIO Y DE COMERCIO JUSTO	CREDI FUTURO ASOCIACION		380000	43040
2008	Cafe amigable con la naturaleza Santa Cruz - Bolivia	ASOCIACION CENTRO DE PROMOCION AGROPECUARIA CAMPESINA	Il-Bolivja	515267	43040
2008	OntunLan, N"do Botor - Turismo Socialmente responsavel no sector de Quinhamel	INSTITUTO MARQUES DE VALLE FLOR FUNDACAO	Il-Portugall	496389,32	33210
2008	Espaço por um Comércio Justo: alternativas em rede	CENTRO DE INFORMACAO E DOCUMENTACAO AMILCAR CABRAL ASSOCIACAO	Konsorzju	370011,99	15150
2008	Decent Life - decent work. Enhancing international strategies and policies of trade unions	SUDWIND DIE AGENTUR FUR SUD NORD BILDUNGS UND OFFENTLICHKEITSARBEIT GMBH	Konsorzju	662264	99820
2008	Mobilizing for a sector dialogue for the improvement of working conditions in the globalized toy industry	SUDWIND DIE AGENTUR FUR SUD NORD BILDUNGS UND OFFENTLICHKEITSARBEIT GMBH	Konsorzju	929043	99820
2008	F.R.A.M.E. (Fair and Responsible Action in MEiterranean area)	CONSORZIO CTM-ALTROMERCATO SOCIETACOOOPERATIVA	Konsorzju	494821	99820
2008	Network Sustainable Consumption	SUDWIND DIE AGENTUR FUR SUD NORD BILDUNGS UND OFFENTLICHKEITSARBEIT GMBH	Konsorzju	647023	99820
2008	Creating Coherence. Trade for Development: Development Aid for Trade	MOVIMENTO PER L AUTOSVILUPPOL INTERSCAMBIO E LA SOLIDARIETA	Konsorzju	968233	99820

2008	A NETWORK FOR THE DEVELOPMENT	PROVINCE OF PESARO AND URBINO	Konsorzju	115621	99820
2008	<i>Frauen und Globalisierung: Decent work for ALL! – Informations- und Mobilisierungskampagne für menschenwürdige Arbeit für Frauen in der globalen Exportindustrie am Beispiel Bekleidung</i>	CHRISTLICHE INITIATIVE ROMERO EV	Konsorzju	720446	99820
2008	<i>Verantwortliche Öffentliche Beschaffung und Menschenwürdige Arbeit JETZT!– Öffentlichkeits-, Bewusstseins- und Lobbykampagne zur Durchsetzung sozialer und ökologischer Beschaffung von Öffentlicher Hand und privaten Institutionen</i>	CHRISTLICHE INITIATIVE ROMERO EV	Konsorzju	701163	99820
2008	<i>Local capacity building for Fairtrade in Sweden, Finland and Estonia</i>	FORENINGEN FOR RATTVISEMARKT SVERIGE	Konsorzju	823148	99820
2008	<i>Network of Schools and Local Communities contributing to the achievement of the MDGs</i>	POLSKA AKCJA HUMANITARNA	Konsorzju	999000	99820
2008	<i>Fair Flowers - a gift to all involved. Raising the awareness of local authorities, consumers and traders on the production of cut flowers in developing countries</i>	FIAN FOODFIRST INFORMATIONS & AKTIONS NETWORK SEKTION DER BUNDESREPUBLIK DEUTSCHLAND EV	Konsorzju	669087	99820
2008	<i>A case for poverty reduction: Consumer awareness and action in 6 EU member states</i>	CONSUMERS INTERNATIONAL LBG	Konsorzju	857713	99820
2008	<i>Introducing the MADE-BY label for sustainable fashion in the United Kingdom</i>	STICHTING INTERKERKELIJKE AKTIE VOOR LATIJNS AMERIKA SOLIDARIDAD	Konsorzju	770000	99820
2008	<i>La sensibilisation sur les interdépendances entre Nord et Sud : un enjeu pour la mobilisation des citoyens européens en faveur du développement.</i>	ASSOCIATION FRERES DES HOMMES	Franza	789205,5	99820
2007	<i>Export Trade from Kenya – Enabling the poor to share the fruits.</i>	AFRICA NOW LBG	Ir-Renju Unit	408000	31191
2007	<i>Appui aux familles vulnérables dans deux zones cotonnières du Mali</i>	ASSOCIATION VETERINAIRES SANS FRONTIERES - CENTRE INTERNATIONAL DE COOPERATION POUR LE DEVELOPPEMENT AGRICOLE VSF CICDA	Franza	740614,53	43040
2007	<i>Empowering Emerging Farmers through fair trade development in South Africa</i>	STICHTING INTERKERKELIJKE AKTIE VOOR LATIJNS AMERIKA SOLIDARIDAD	L-Olanda	1000000	33120
2007	<i>PUBLIC AFFAIRS - Mobilising action for Fair Trade Public Procurement</i>	STICHTING EUROPEAN FAIR TRADE ASSOCIATION	L-Olanda	568200	99820
2007	<i>Campaign for sustainable purchasing of computers: Making public purchasing in Europe work for development by raising awareness of the working conditions and environmental issues in the global supply chain of computers.</i>	WELTWIRTSCHAFT, OKOLOGIE & ENTWICKLUNG - WEED EV	Il-Ġermanja	1038334,5	99820

2007	<i>Enlarging FAIR</i>	PANGEA - NIENTE TROPPO SOCIETA COOPERATIVA SOCIALE SCSARL	L-Italja	448198,2	99820
2007	<i>Expanding Fair Trade Awareness in Slovakia and the Czech Republic</i>	NADACIA INTEGRA	Is-Slovakkja	202779	99820
2007	<i>Fair consumption</i>	MAGOSFA KORNYEZETI NEVELESI ES OKOTURISZTIKAI ALAPITVANY		99880,26	99820
2007	<i>Supermarkets, supply chains and poverty reduction</i>	WAR ON WANT	Ir-Renju Unit	360000	99820
2007	<i>Decent work, trade and development: raising awareness among trade unions and women's groups of the employment implications of international trade relations</i>	WAR ON WANT	Ir-Renju Unit	720000	99820
2007	<i>Education for Global Sustainability, Responsible Consumption and Fair Trade</i>	UUSI TUULI RY		496579,78	99820
2007	<i>FEEDING AND FUELLING EUROPE</i>	MAGYAR TERMESZETVEDOK SZOVETSEGE	L-Ungerija	1078521,66	99820
2007	<i>Médiatiser la face invisible du développement</i>	ASSOCIATION COMITE FRANCAIS POUR LASOLIDARITE INTERNATIONALE	Franza	346591,06	99820
				19.466.102,80	